**MALTA**

**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**
**MAĠISTRAT DR. GABRIELLA VELLA B.A., LL.D.**

**Każ Nru. 357/2023**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Zachary Zammit)**

**Vs**

**Faisal Arab Mohammed**

**Illum 2 ta' Ottubru 2023**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront ta' **Faisal Arab Mohammed**, iben Arab u Aisha neè Jama, imwieled ġewwa Mogadishu, Somalia, fl-14 ta' Ġunju 2004, detentur tan-numru RefCom 25268, talli nhar it-2 ta' Mejju 2023, bejn is-06:45hrs u it-08:00hrs, ġewwa Rocky Beach, Triq il-Wilġa, San Ġiljan, Malta:

1. Ikkommetta serq kwalifikat bil-vjolenza u bil-valur li ma jeċċedix l-elfejn tlett mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37), a dannu ta' Giovanni Scaffidi;
2. Mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' Giovanni Scaffidi f'periklu ċar, ikkaġunalu ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa tiegħu, liema ġrieħi huma ta' natura ħafifa skond kif iċċertifikat minn Dr. Tochukwu Madu, Med. Reg. No. 6520, ġewwa l-Floriana Health Centre;
3. Talli bla ordni skond il-Liġi ta' l-awtorità kompetenti, u barra mill-każijiet li fihom il-Liġi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta lill-ħati, arresta, żamm jew issekwestra lil Giovanni Scaffidi kontra l-volontà tiegħu, ġie offiż fuq persuntu, u dan bil-ħsieb ta' estorsjoni ta' flus jew ħwejjeġ oħra u/jew biex ikun imġiegħel jaċċetta li jagħmel xi trasferiment ta' ħwejjġu;
4. Talli għamel reat ieħor waqt li kien qiegħed taħt perijodu operattiv ta' sentenza sospiża li ngħatat lilu nhar l-10 ta' Marzu 2023, mill-Maġistrat Ian Farrugia LL.D.;
5. Talli sar reċidiv;

Rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex f'każ ta' ħtija, il-Qorti, barra mill-tapplika l-piena skond il-Liġi, tordna lil Faisal Arab Mohammed, iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' Esperti skond l-Artikolu 533(1) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, flimkien ma' kwalunkwe restituzzjoni li għandha tiġi magħmula lill-partijiet involuti għall-kwalunkwe ħsarat jew inġurji sofruti;

Rat li l-Prosekuzzjoni ottjeniet u ppreżentat il-Kunsens ta' l-Avukat Ġenerali ai termini ta' l-Artikolu 370(4) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta[1], u rat li l-imputat, filwaqt li iddikjara li ma għandux oġġezzjoni li l-każ tiegħu jiġi trattat bi proċedura sommarja, wieġeb li ma huwiex ħati ta' l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu[2];

Rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni markati Dok. "ZZ2" sa' Dok. "ZZ9" a fol. 8 sa' 27 tal-proċess;

Semgħet ix-xhieda ta' Stefania Calafato Testa[3], Assistent Reġistratur Qrati u Tribunali Kriminali, ta' PS430 Andrew St. John[4] u ta' Giovanni Scaffidi[5], ilkoll mogħtija waqt is-seduta tas-16 ta' Mejju 2023 u rat id-dokument, ossia sentenza fl-ismijiet "Il-Pulizija v. Faisal Arab Mohammed" pronunċjata minn din il-Qorti diversament presjeduta fil-11 ta' Marzu 2021, esebita minn Stefania Calafato Testa u markata Dok. "SCT1" a fol. 31 sa' 35 tal-proċess u d-dokumenti markati Dok. "GS" a fol. 51 sa' 55 tal-proċess esebiti minn Giovanni Scaffidi, semgħet ix-xhieda ta' l-Ispettur Zachary Zammit mogħtija waqt is-seduti tas-16 ta' Mejju 2023[6] u ta' l-1 ta' Ġunju 2023[7] u rat id-dokumenti esebiti minnu markati Dok. "ZZ11" sa' Dok. "ZZ15"[8] a fol. 39 sa' 42 tal-proċess u Dok. "ZX", ossia sentenza fl-ismijiet "Il-Pulizija v. Faisal Arab Mohammed" pronunċjata minn din il-Qorti diversament presjeduta fl-10 ta' Marzu 2023, a fol. 60 sa' 63 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' Marica Mifsud[9], Assistent Reġistratur Qrati u Tribunali Kriminali, ta' l-Espert Tekniku John Sacco[10] u ta' PS649 Joseph Buhagiar[11], ilkoll mogħtija waqt is-seduta ta' l-1 ta' Ġunju 2023 u rat ir-Relazzjoni ta' l-Espert Tekniku John Sacco esebita bħala Dok. "JSX" a fol. 66 sa' 86 tal-proċess (€1662.43 a fol. 73 tal-proċess), semgħet ix-xhieda ta' Dr. Tochukwu Madu[12], ta' PC1221 Noel Mifsud[13] u ta' PC1523 Martin Micallef[14], ilkoll mogħtija waqt is-seduta tal-15 ta' Ġunju 2023 u semgħet ix-xhieda ta' l-imputat mogħtija waqt is-seduta tad-19 ta' Lulju 2023[15];

Semgħet it-trattazzjoni orali da parte tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiża;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

**Ikkunsidrat:**

L-imputat qed jiġi mixli talli nhar it-2 ta' Mejju 2023, bejn is-06:45hrs u t-08:00hrs, ġewwa Rocky Beach, Triq il-Wilġa, San Ġiljan, Malta: (1) ikkommetta serq kwalifikat bil-vjolenza u bil-valur li ma jeċċedix €2,329.37, a dannu ta' Giovanni Scaffidi; (2) mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' Giovanni Scaffidi f'periklu ċar, ikkaġunalu ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa tiegħu, liema ġrieħi huma ta' natura ħafifa skond kif

---

[1] Dok. "ZZ10" a fol. 28 u 29 tal-proċess.
[2] Fol. 29 tal-proċess.
[3] Fol. 30 tal-proċess.
[4] Fol. 43 sa' 46 tal-proċess.
[5] Fol. 47 sa' 50 tal-proċess.
[6] Fol. 36 sa' 38 tal-proċess.
[7] Fol. 59 tal-proċess.
[8] Dok. "ZZ11" u Dok. "ZZ15" għandhom Esebit Nru. KA202/2023, fol. 56 u 57 tal-proċess.
[9] Fol. 64 tal-proċess.
[10] Fol. 65 tal-proċess.
[11] Fol. 87 sa' 89 tal-proċess.
[12] Fol. 91 u 92 tal-proċess.
[13] Fol. 93 u 94 tal-proċess.
[14] Fol. 95 u 96 tal-proċess.
[15] Fol. 99 sa' 104 tal-proċess.

iċċertifikat minn Dr. Tochukwu Madu, Med. Reg. No. 6520, ġewwa l-Floriana Health Centre; (3) talli bla ordni skond il-Liġi ta' l-awtorità kompetenti, u barra mill-każijiet li fihom il-Liġi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta lill-ħati, arresta, żamm jew issekwestra lil Giovanni Scaffidi kontra l-volontà tiegħu, ġie offiż fuq persuntu, u dan bil-ħsieb ta' estorsjoni ta' flus jew ħwejjeġ oħra u/jew biex ikun imġiegħel jaċċetta li jagħmel xi trasferiment ta' ħwejjġu; (4) talli għamel reat ieħor waqt li kien qiegħed taħt perijodu operattiv ta' sentenza sospiża li ngħatat lilu nhar l-10 ta' Marzu 2023, mill-Maġistrat Ian Farrugia LL.D.; u (5) talli sar reċidiv.

L-imputat iddikjara li ma huwiex ħati ta' l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu.

**Provi:**

**L-Ispettur Zachary Zammit**[16] xehed illi *nhar it-2 ta' Mejju ta' din is-sena, ġejt infurmat minn PS649 illi fil-ħinijiet preċedenti għall-ħabta tat-08:15 kien għadu kif daħal individwu Taljan fl-Għassa ta' San Ġiljan jirrapporta illi kien ġie miżmum kontra jeddu, aggredit u misruq minn tliet individwi ta' karnaġġjon skur. PS649 kien ħadlu rapport perliminari u spjegali illi skond il-vittma, din l-offiża kienet ġrat by a rocky beach ġewwa Triq il-Wilġa, fl-akkwati tad-Dragonara u li l-vittma, wara li kien ġara dan l-akkadut, kien ġera wara t-tliet suspettati hekk kif dawn ħarbu lejn il-marina ta' Portomaso. Spjegali wkoll illi l-vittma kien ġab ġakketta miegħu li kien irnexxielu jiġbor waqt li kien qed jiġri warajhom minn fuq wieħed mis-suspettati u PS649, sussegwentement għaddiha lili u qed nesebiha hawnhekk illum* - Dok. "ZZ11" b'Esebit Nru. KA 202/2023[17].

L-Ispettur Zammit xehed ulterjorment illi *l-vittma kien speċifika wkoll lil PS649 u dan qalu lili wkoll, illi jekk jara lis-suspettati, kapaċi jagħrafhom sew. Jiena, fil-posizzjoni tiegħi bħala Spettur, tajt struzzjoni lil PS649 sabiex jintbaghtu xi requests għall-filmati mill-marina ta' Portomaso għax kont naf li hemm il-cameras sabiex jiġu ċċekkjati kienx hemm cameras li juru ż-żoma tar-rocky beach però sfortunatament ma kienx hemm, jiġifieri l-unika filmati li rnexxielna niġbru fil-ġranet sussegwenti kienu tal-marina. Aktar il-quddiem dakinhar stess, il-vittma, Giovanni Scaffidi, ippreżentalna ċertifikat ta' ġrieħi ta' natura ħafifa li kien ġarrab matul l-akkadut u qed nesebixxi dan l-istess ċertifikat* - Dok. "ZZ12" a fol. 40 tal-proċess. *Il-footage li ġie mitlub ġie mgħoddi lili fil-ġranet sussegwenti u se nippreżentah issa. Dan juri l-mumenti ta' wara l-inċident fejn il-vittma kien qed jiġri wara s-suspettati* - Dok. "ZZ13" a fol. 41 tal-proċess. *Jiena rajt il-filmati f'dawn il-ġranet u fih jidhru kemm it-tliet individwi jaħarbu kif ukoll il-vittma jiġri warajhom u mit-tliet individwi irnexxieli nagħraf l-identità ta' wieħed minnhom li huwa l-istess imputat li hawn preżenti llum f'din l-awla. It-tnejn l-oħra ma rnexxilix nagħraf l-identità tagħhom u bħalissa jinsabu bħala "wanted" fuq is-sistema tal-Pulizija sabiex jiġu identifikati. Fil-5 ta' Mejju, jiena bgħatt għall-vittma sabiex inkellmu iktar fid-dettal ħalli nieħu l-verżjoni aħjar u jkolli iktar idea ta' x'ġara u l-estent ta' l-involviment ta' kull individwju separat sakemm ovvjament ikun kapaċi jidentifikahom hu. Meta ġibt lill-vittma biex inkellmu, spjegali illi hu seta' jiftakar li mit-tliet individwi, wieħed minnhom kien iqsar mit-tnejn l-oħra, imma sakemm seta' jagħrafhom lill-oħrajn, ma setax jiddeskrivihom b'tali mod, imma jaf li kapaċi jagħrafhom kollha. L-unika distinzjoni illi għamel kienet illi wieħed minnhom kien iqsar mill-oħrajn. Mill-filmati li rajt, jiena stajt niġġudika illi l-iqsar wieħed minnhom*

[16] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tas-16 ta' Mejju 2023, fol. 36 sa' 38 tal-proċess.
[17] Fol. 56 tal-proċess.

*kien l-imputat allura kull meta beda jispjegali waqt l-inċidenti u jirreferi għall-qasir, jiena bdejt niddeduċi illi beda jgħid għall-imputat. Waqt li beda jagħtini l-verżjoni ta' x'ġara, fi kliemu speċifikali illi kien il-qasir illi waqt l-akkadut kien fittxlu fil-bwiet tal-ħwejjeġ tiegħu u ħadlu l-affarijiet illi in fatti kienu nsterqulu. Kienu ħadulu €1,000 fi flus kontanti għax hu jaħdem fil-madum, ħadulu l-mobile phone u ħadulu wkoll id-dokumenti ta' identifikazzjoni tiegħu u xi dokumenti oħrajn Taljani bħal xi karta ta' l-Isptar milli stajt nifhem u li kien il-qasir illi kien rema l-ġakketta waqt li qed jiġri warajhom, liema ġakketta diġa ġiet esebita llum. Dakinhar stess, jien tlabt għall-mandat ta' arrest u tfittxija rigward dan il-każ u ġie awtorizzat mill-Maġistrat Dr. Leonard Caruana fil-konfront ta' l-imputat* - Dok. "ZZ5" sa' Dok. "ZZ7" a fol. 16 sa' 18 tal-proċess. *L-għada filgħodu u cioè fis-6 ta' Mejju, għall-ħabta tad-09:20a.m., jiena ġejt infurmat minn PS430 illi Faisal Arab Mohammed, il-persuna li kien intalab il-mandat dwaru, kien ġie identifikat u arrestat mill-Pulizija ta' San Ġiljan, li kien ittieħed l-Għassa u ġie mogħti d-drittijiet tiegħu kemm bil-Malti, kemm bl-Ingliż kif ukoll bis-Somaljan u ngħata kopja tal-mandat. Jiena tajt l-ordni illi dan jittieħed għal search jekk setax jindikalhom fejn dan kien qed jgħix u hemmhekk ittieħed għal serach minn PS430, PC1221 u PC1523. Mal-ħin ġejt infurmat illi f'din ir-residenza ġewwa Birkirkara, li ndikalhom fejn kien qed jgħix u li kellhom jiftuħa b'forza għax kienet imsakkra b'katnazz u Faisal ma kellux ċavetta għal dan il-katnazz, kienu sabulu l-ħwejjeġ li qablu mal-ħwejjeġ li kien liebes fil-filmati waqt dan l-akkadut* - Dok. "ZZ15", Esebit Nru. 202/2023[18], *iżda ma kienux sabu l-ebda mill-oġġetti illi kienu nsterqu. Dakinhar stess, Faisal imbagħad reġa' nġab l-Għassa, fejn hemmhekk, bl-għajnuna ta' l-interpretu mis-Solmalu għall-Ingliż, għal darba oħra erġajt spjegajtlu d-drittijiet kollha tiegħu u qabel ma ħadtlu l-istqarrija, komplejt nara jekk riedx li jikkonsulta ma' avukat u kulma qalli li kellu bżonn huwa l-interpretu. Fi kliemu kien qalli "lawyer no, interpreter yes". Hemmhekk ħadtlu l-istqarrija, li diga qiegħda esebita* - Dok. "ZZ3" a fol. 12 sa' 14 tal-proċess - *u l-għada cioè nhar is-7 ta' Mejju, dan ġie mressaq taħt arrest.*

Fis-seduta ta' l-1 ta' Ġunju 2023[19], l-Ispettur Zammit ippreżenta sentenza fl-ismijiet "Il-Pulizija v. Faisal Arab Mohammed" pronunċjata minn din il-Qorti diversament presjeduta fl-10 ta' Marzu 2023 - Dok. "ZX" a fol. 60 sa' 63 tal-proċess. **Marica Mifsud**[20], Assistent Reġistratur Qrati u Tribunali Kriminali, ikkonfermat li minn din is-sentenza ma kienx ġie ppreżentat appell. Fis-seduta tas-16 ta' Mejju 2023, **Stefania Calafato Testa**, Assistent Reġistratur Qrati u Tribunali Kriminali, ippreżentat sentenza oħra fl-ismijiet "Il-Pulizija v. Faisal Arab Mohammed" pronunċjata minn din il-Qorti diversament presjeduta fil-11 ta' Marzu 2021 - Dok. "SCT1" a fol. 31 sa' 35 tal-proċess - u ddikjarat li din is-sentenza ma ġietx appellata.

Il-filmati esebiti mill-Ispettur Zachary Zammit ġew analizzati mill-**Espert Tekniku John Sacco**[21], li ħareġ diversi stills pertinenti għal dan il-każ. Fir-rigward huwa ippreżenta r-Relazzjoni tiegħu markata Dok. "JSX" a fol. 66 sa' 86 tal-proċess.

Dak affermat mill-Ispettur Zachary Zammit dwar l-arrest ta' l-imputat u t-tfittxija fil-post fejn kien jgħix dak iz-zmien, ġie kkonfermat minn **PS430 Andrew St. John**[22] u dwar it-tfittxija żied jispjega li fil-kors ta' l-istess *jien urejtu dan ir-ritratt partikolari li huwa screen shot mill-filmat assoċjat ma' l-allegat reat illi ġara illi nista' nikkonferma*

---

[18] Fol. 56 tal-proċess.
[19] Fol. 59 tal-proċess.
[20] Xhieda mogħtija waqt is-seduta ta' l-1 ta' Ġunju 2023, fol. 64 tal-proċess.
[21] Xhieda mogħtija waqt is-seduta ta' l-1 ta' Ġunju 2023, fol. 65 tal-proċess.
[22] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tas-16 ta' Mejju 2023, fol. 43 sa' 46 tal-proċess.

*jien through l-PIRS li qed nirreferi għal rapport illi sar bin-numru 8/POL/2368/2023 u proprju fuq mugging illi seħħ on the 2nd of May 2023. Dawn qed nikkonfermahom għax digà kont ikkonfermajt illi kienu kollox relatat ma' dan ir-rapport partikolari u li anke kkonfermali l-Ispettur tiegħi jiġifieri. Minn hemmhekk kelli r-ritratt fuq il-mobile tiegħi, indikajtu lilu personali, dejjem qed nirreferi għalih, fejn għidtlu "il-ħwejjeġ illi kont liebes hawnhekk" u nista' ngħidlek illi hu beda joħroġli dawn it-tip ta' ħwejjeġ. Li nnotajt jiena kien iż-żarbun għaliex huwa żarbun kemm xejn partikolari li kien kif tiftaħ il-bieb on the right hand side ma' l-art u għidtlu "Dak iż-żarbun huwa dan tar-ritratt 99%" u indikali li iva u dawn it-tip ta' ħwejjeġ beda joħroġhomli hu, fosthom qalziet tal-camouflage, jekk mhux sejjer żball, t-shirt bir-riklam tan-Nike aħdar skur u xi zipper partikolari ċara. Dan indikahomlna kollha hu u ġabhomlna minn munzelli li kien hemm fil-kantuniera tal-kamra. Fittixna għal xi affarijiet oħra, jekk mhux sejjer żball, just biex inkunu mija fil-mija li ċċekkjajna li, peress illi huwa mugging, rajna x'jista' jirriżulta li jkunu forsi xi affarijiet illi jistgħu jiġu minn dak it-tip ta' serq jew xi ħaġa għax ovvjament aħna, mas-search infittxu għal affarijiet oħra li jistgħu jirriżultaw illi huma ġejjin minn xi sors suspettuża u ġbarna xi mobile jew tnejn. Naf illi wieħed minnhom kien minn dawn illi ma tantx fih functions ngħidlu jien, minn dawn illi aħna ngħidulhom disposable phones u l-ieħor kien xi smart phone jekk mhux sejjer żbaljat dejjem. Li jiena ċert huwa fuq il-ħwejjeġ li kienu eżatt bħal tar-ritratt li kellna. Inġaba baskett ukoll li qisu kien tan-nisa li rajnieh suspettuż ukoll u bażikament dawk huma l-affarijiet illi ġbarna.*

PS430 Andrew St. John għaraf li l-ħwejjeġ esebiti bħala Dok. "ZZ15" kienu l-istess ħwejjeġ li nġabru matul it-tfittxija fil-post fejn kien jgħix l-imputat.

Dak affermat minn PS430 Andrew St. John dwar it-tfittxija fil-post fejn kien jgħix l-imputat u dwar dak li nstab waqt din it-tfittxija ġie kkonfermat minn **PC1221 Noel Mifsud**[23] u minn **PC1523 Martin Micallef**[24]**.**

**PS649 Joseph Buhagiar**[25] ikkonferma li kien hu li ħa r-rapport ta' Giovanni Scaffidi, liema rapport jinsab esebit bħala Dok. "ZZ2" a fol. 8 sa' 11 tal-proċess u ġie minnu ikkonfermat. Ikkonferma wkoll li a bażi ta' dak li kien irrapporta Giovanni Scaffidi, kienu ġabar il-filmati mill-marina tal-Portomaso u fihom ra lil tlett persuni ta' karnaġġjon skura, fejn wieħed minnhom għarfu bħala l-imputat. Stqarr ukoll illi Scaffidi kien ippreżenta ċertifikat ta' ġrieħi ħfief, li kienu l-ġrieħi li ġarrab in konnessjoni ma' dan il-każ. Scaffidi tah ukoll ġakketta li huwa kien irnexxielu jieħu minn fuq wieħed minn dawn it-tlieta min-nies, ossia dak ta' karnaġġjon skur u qasir, meta mar biex jaqbdu iżda imbagħad ħareġ minnha. Huwa għadda din il-ġakketta lill-Ispettur Zachary Zammit.

**Giovanni Scaffidi**[26] xehed illi dakinhar tat-2 ta' Mejju 2023, huwa kien ħareġ mal-ħbieb tiegħu u meta dawn telqu huwa mar jieħu l-breakfast f'bar imbagħad niżel fuq il-bajja, fejn hemm Dolce Sicilia, San Ġiljan. X'ħin kien fuq il-bajja daruh tlieta min-nies illi sawtuh u serquh. Stqarr illi *refgħu idejhom fuqi, qabduni minn ħalqi, bdew jagħtuni daqqiet ta' ponn u daqqiet bil-ġebel u ppruvaw jeħduli l-flus mill-bwiet*. Huwa għaraf illi l-imputat, *waqt li t-tnejn l-oħra kienu qegħdin jgħollu idejhom fuqi u jagħtuni daqqiet ta' ponn, anke hu għolla idejh. Ħadli d-dokumenti, kelli €1,000 wkoll ħadhomli, id-dokumenti Taljani, Postepay Taljan u l-mobile phone.* Fir-rigward tal-mobile phone

[23] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tal-15 ta' Ġunju 2023, fol. 93 u 94 tal-proċess.
[24] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tal-15 ta' Ġunju 2023, fol. 95 u 96 tal-proċess.
[25] Xhieda mogħtija waqt is-seduta ta' l-1 ta' Ġunju 2023, fol. 87 sa' 89 tal-proċess.
[26] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tas-16 ta' Mejju 2023, fol. 47 sa' 50 tal-proċess.

Scaffidi ppreżenta dokumentazzjoni li turi meta dan inxtara u l-valur ta' l-istess - Dok. "GS" a fol. 51 sa' 55 tal-proċess. Kompla jistqarr li kif l-imputat ħadlu l-affarijiet minn fuqu, hu u t-tnejn l-oħra ħarbu minn fuq il-post u hu qam minn ma' l-art u beda jiġri warajhom. Telqu minn fuq il-blat, ħarġu mid-Dragonara u ħarġu għall-Portomaso. X'ħin wasal fejn kien hemm CCTV cameras huwa kkalma għax għaraf li kollox kien jinqabad minnhom u minn hemm baqa' sejjer l-Għassa ta' San Ġiljan jagħmel rapport. Mistoqsi għal liema raġuni kellu €1,000 flus fuqu, Scaffidi wieġeb *għax għandi problemi biċ-ċavetta tad-dar, għadha ċavetta antika u ma nħossnix komdu u secure b'din iċ-ċavetta, b'dan il-lock allura kont nieħu l-flus fuqi.* Iddikjara ukoll li kien irċieva telefonata mingħand il-Pulizija fejn kienu nfurmawh li kienu sabu id-dokumenti Taljani tiegħu.

Fir-rigward tal-ġrieħi mġarrba minn Giovanni Scaffidi xehed **Dr. Tochukwu Madu**[27], illi b'referenza għaċ-ċertifikat mediku esebit bħala Dok. "ZZ12" a fol. 40 tal-proċess, illi għarfu bħala ċ-ċertifikat li kien ħareġ hu fir-rigward ta' Scaffidi, stqarr *fit-2 ta' Mejju tas-sena 2023 għall-ħabta tal-11:30a.m., inġieb pazjent ġewwa l-clinic tal-Furjana, ċertu Giovanni Scaffidi, detentur tal-Karta ta' l-Identità Numru 0253301(A) u qalli li jirrisjedi fl-indirizz "Mattei Court", Flat 12, Triq is-Sidra, Swieqi. X'ħin eżaminajtu sibt perioral bruise, petechiae u kellu wkoll xi bruises fuq in-naħa tal-lemin ta' għonqu. Kellu xi grif f'idejh kif ukoll fil-polz kemm tax-xellug u kemm tal-lemin u beda jgħid li kellu xi uġiegħ fuq il-pala ta' l-id tan-naħa tal-lemin, kellu xi tenderness fil-pala ta' l-id tal-lemin. Kien hemm ukoll grif kemm fuq il-lemin kif ukoll fuq ix-xellug ta' l-irkoppa u anke tal-qasba tas-sieq u ma kellux iktar injuries apparti dawk li semmejt. Dawn il-ġrieħi kienu ta' natura ħafifa save complications.*

**L-imputat**[28] xehed illi dakinhar tat-2 ta' Mejju 2023 għall-ħabta tas-7:00a.m. huwa kien San Ġiljan fit-tarf tal-baħar. Stqarr li dakinhar kien waħdu u li ma' dan il-każ ma għandu assolutament xejn x'jaqsam u saħaq li għalkemm jista' jkun li Giovanni Scaffidi għarfu, huwa ma għandux x'jaqasm mal-każ u mar-reati in kwistjoni.

In kontro-eżami stqarr li dakinhar ra ħafna nies, għalkemm ma jiftakarx eżatt kemm, ta' karnaġġjoni skura, li kienu qed jargumentaw bejniethom. Hekk kif ra din il-ġlieda bejn dawn in-nies ta' karnaġġjon skura, huwa telaq minn fuq il-post u mar lil hemm, iżda dawn in-nies marru warajh. Stqarr illi *kif tlaqt wieħed minn dak ta' kulur iswed avviċina lili u kellimni u qalli wieħed minn dawk ħa nsemmi, qalli inti fejn toqgħod? Jiena kelli nirrispondi lilu jien resident f'Birkirkara. Dak l-iswed li avviċina* [lilu] *qallu inti għandek flus, jekk m'għandekx flus aħna lesti nwassluk fejn joħduk. Però hawnhekk dawn kellhom xi karozza, dħalt ġol-karozza tagħhom u wassluni l-Marsa.* B'kollox fil-karozza kienu tlieta, iżda għal dak ta' karnaġġjon skura ddikjara li ma jafx x'jismu. Rinfaċċjat b'dak li kien stqarr mal-Pulizija fl-istqarrija tiegħu, l-imputat iddikjara *mela jiena li wasla tiegħi, dak ta' kulur abjad u kulur iswed kienu qiegħdin bilqiegħda flimkien. U dawk li kienu l-kulur abjad u kulur iswed qaluli inti tista' titlaq u dabbar rasek. … Jiena, kif wasalt jien fejn it-tarf tax-xatt kien hemm ta' kulur iswed u kien hemm kulur abjad, dawn kienu qiegħdin flimkien. … jiena rajt dawk it-tnejn kulur iswed u wieħed ġilda abjad kienu qiegħdin flimkien. … dawk it-3, li huma 2 skur iswed u wieħed abjad jiena rajthom it-tlieta qed jiġġieldu flimkien. … Jiena ma mortx ħdejhom u naħlef ma ħadt xejn jiena.*

**L-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront ta' l-imputat:**

[27] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tal-15 ta' Ġunju 2023, fol. 91u 92 tal-proċess.
[28] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tad-19 ta' Ġunju 2023, fol. 99 sa' 104 tal-proċess.

**L-ewwel tlett imputazzjonijiet dedotti fil-konfront ta' l-imputat -** bl-ewwel tlett imputazzjonijiet dedotti kontra tiegħu, l-imputat qed jiġi mixli talli nhar it-2 ta' Mejju 2023, bejn is-06:45hrs u t-08:00hrs, ġewwa Rocky Beach, Triq il-Wilġa, San Ġiljan, Malta: (1) ikkommetta serq kwalifikat bil-vjolenza u bil-valur li ma jeċċedix €2,329.37, a dannu ta' Giovanni Scaffidi; (2) mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' Giovanni Scaffidi f'periklu ċar, ikkaġunalu ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa tiegħu, liema ġrieħi huma ta' natura ħafifa skond kif iċċertifikat minn Dr. Tochukwu Madu, Med. Reg. No. 6520, ġewwa l-Floriana Health Centre; (3) talli bla ordni skond il-Liġi ta' l-awtorità kompetenti, u barra mill-każijiet li fihom il-Liġi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta lill-ħati, arresta, żamm jew issekwestra lil Giovanni Scaffidi kontra l-volontà tiegħu, ġie offiż fuq persuntu, u dan bil-ħsieb ta' estorsjoni ta' flus jew ħwejjeġ oħra u/jew biex ikun imġiegħel jaċċetta li jagħmel xi trasferiment ta' ħwejjġu.

In kwantu dak li ġara nhar it-2 ta' Mejju 2023 bejn is-06:45a.m. u t-8:00a.m. ġewwa Rocky Beach, Triq il-Wilġa, San Ġiljan, il-Qorti għandha quddiemha żewġ verżjonijiet opposti. Fuq naħa waħda Giovanni Scaffidi jgħid illi l-imputat, flimkien ma' żewġ persuni oħra, aggredewh u seraqlu flus, dokumenti personali u mobile phone, filwaqt illi fuq in-naħa l-oħra l-imputat jgħid li hu assolutament ma għandu x'jaqsam xejn mal-każ u lil Scaffidi ma seraqlu xejn.

Hawn il-Qorti tagħmel referenza għal dak osservat fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. James Grech**, deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta fil-31 ta' Ottubru 2022: *illi huwa prinċipju ben stabbilit fil-ġurisprudenza nostrana li mhux kull kunflitt fil-provi għandu jwassal għal-liberatorja tal-imputat għaliex il-Qorti hija obbligata li tevalwa l-provi fl-assjem tagħhom u tasal għall-konklużjoni dwar lil min tista temmen u f'xiex. Illi huwa prinċipju bażilari wkoll li r-reità tal-imputat trid tiġi pruvata mill-Prosekuzzjoni l hinn minn kull dubju dettat minn raġuni. Dan ifisser li l-grad ta' prova li trid tilħaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jħalli ebda dubju dettat mir-raġuni u mhux xi grad ta' prova li ma jħalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistgħux jitqiesu bħala dubji dettati mir-raġuni. Fi kliem ieħor, dak li din il-Qorti trid tasal għalih hu, li wara li tqis iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ u l-provi kollha inkluż dawk xjentifiċi u mediċi, tkun moralment konvinta minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. F dawn il-kuntesti l-Qorti tagħmel referenza għal dak li qal Lord Denning: Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence: 'of course it is possible but not in the least probable', the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing short of that will suffice".*

Mill-eżami tal-provi prodotti l-Qorti hija ferm iktar konvinta mill-verżjoni tal-fatti kif mogħtija minn Giovanni Scaffidi, u cioè li nhar it-2 ta' Mejju 2023 filgħodu kmieni waqt li huwa kien jinsab fuq il-blat f'San Ġiljan, ġie aggredit minn tlett persuni ta' karnaġġjon skura, fejn wieħed minnhom kien l-imputat, li waqt l-aggressjoni serquh, milli mill-verżjoni tal-fatti kif mogħtija mill-imputat, u cioè li għalkemm kien fuq il-post meta seħħew ir-reati fil-konfront ta' Scaffidi, huwa ma kellux x'jaqsam xejn ma' l-istess.

Filwaqt li Scaffidi kien dejjem konsistenti u koerenti fil-verżjoni tal-fatti mogħtija minnu, u dana kemm meta għamel ir-rapport ġewwa l-Għassa ta' San Ġiljan kif ukoll meta xehed fil-kors ta' dawn il-proċeduri, l-imputat ta iktar minn verżjoni waħda ta' dak

li seħħ nhar it-2 ta' Mejju 2023 għall-ħabta tas-7:00a.m. Huwa ta verżjoni mod fl-istqarrija minnu rilaxxata lill-Pulizija Eżekuttiva, fejn qal *few days ago, around 7 I went alone to the coast, and there were two other people, a white guy, and another Somalyan because I talked to him in Somalyan. They were smoking drugs and they told me leave them alone so I left. … towards here, St. Julian's. … After few minutes I heard shouting and fighting. I saw the Somalyan running, and I asked him what happened and he told me "we fight with other guy". … I only saw the Somalyan and the white guy. … After that I continue to run away and I reached the stairs, and we were together. .. I had run away, I reached the stairs near the coast, and that is when he reached me and told me he had fought. I kept walking with him because he told he was calling a taxi to go home. I did not have any money or phone that could order a taxi, so I went with him. We got on the taxi, and I got off at Marsa.* Muri l-filmati mill-Ispettur Zammit, l-imputat iddikjara li kien qed jagħraf lilu nnifsu, għaraf lill-persuna l-oħra ta' karnaġġjon skura, li però ma kienx jaf x'jismu, għaraf lill-persuna ta' karnaġġjon bajda iżda ma ftakarx li kellu ġakketta. Mistoqsi x'kellu fil-but u għaliex kien qed iżommu, stqarr *my wallet, it was empty. I was holding my pocket so that I don't drop it or the small phone that I had.* L-imputat baqa' jinsisti li l-persuna ta' karnaġġjon bajda u l-persuna ta' karnaġġjon skura kienu flimkien.

Meta xehed fil-kors ta' dawn il-proċeduri, senjatament in kontro-eżami, għall-ewwel iddikjara li dakinhar fil-ħin indikat ra grupp ta' nies, għad li ma jafx eżatt kemm, ta' karnaġġjon skur li kienu fuq il-blat u kien jidher li kellhom argument bejniethom. Qal li kif ra hekk hu telaq minn fuq il-post, iżda dawn baqgħu sejrin warajh u ħin minnhom wieħed minnhom offrielu li jwasslu d-dar bil-karozza li kellhom. Rinfaċċjat però b'dak li qal fl-istqarrija, l-imputat mill-ġdid biddel il-verżjoni u qal li dakinhar fuq il-blat kien hemm il-vittma u tnejn min-nies oħra b'karnaġġjon skura u f'ħin minnhom rahom jiġġieldu flimkien.

Huwa ferm diffiċli li l-Qorti temmen u tagħti kredenza lill-affermazzjoni ta' innoċenza ta' l-imputat meta huwa stess ta ben tlett verżjonijiet differenti ta' dak li suppost ġara dakinhar in kwistjoni. Apparte l-inkonsistenzi bejn il-verżjonijiet mogħtija mill-imputat, li serjament jimpinġu fuq il-kredibilità tiegħu, il-filmati esebiti mill-Ispettur Zachary Zammit - Dok. "ZZ13" a fol. 41 tal-proċess - u analizzati mill-Espert Tekniku John Sacco, mhux biss jpoġġu lill-imputat fl-akkwati ta' fejn seħħ il-każ iżda juru lill-imputat f'atteġġjamenti suspetti li xejn ma jikkoroboraw dak minnu affermat.

Mill-filmati, li ġew viżjonati mill-Qorti, jidher l-imputat ġej jiġri min-naħa tal-blat iżomm il-but tan-naħa tal-lemin tal-qalziet li kien liebes u f'ħin minnhom anke jidher iħares lura. Ftit sekondi wara jidhru żewġ persuni oħra ta' karnaġġjon skura wkoll ġejjin jiġru min-naħa tal-blat għad-direzzjoni li fiha kien sejjer l-imputat u dawn ukoll jidhru jħarsu lura. Ftit sekondi wara jidher Giovanni Scaffidi ġej jiġri warajhom ilkoll. Minn dawn il-filmati jidhru imbagħad l-imputat u wieħed miż-żewġ persuni l-oħra ta' karnaġġjon skura li kienu qed jiġru warajh, telgħin it-taraġ ta' Portomaso flimkien u b'mod relattivament kalm jidhru ħerġin it-tnejn minn hemm.

Il-mod kif l-imputat kien għaddej jiġri diffiċilment jagħti kredenza lill-affermazzjoni tiegħu li ma kellu xejn x'jaqsam mal-kwistjoni odjerna, ossia ma' l-aggressjoni u konsegwenti serqa a dannu ta' Scaffidi, u li addirittura ma kienx jaf lill-persuna ma' min deher ħiereġ min-naħa tat-taraġ ta' Portomaso. Oltre minn hekk, fil-fehma tal-Qorti l-imputat kien qed iżomm il-but tal-qalziet tiegħu għaliex fih kellu xi ħaġa li ma riedhiex taqa', iżda dawn diffiċilment kienu l-wallet u l-mobile tiegħu kif minnu affermat, meta

jiġi kkunsidrat li dakinhar l-imputat kien liebes baskett, hekk kif jidher mill-filmati, fejn seta' faċilment poġġa l-oġġetti personali tiegħu biex ma jaqawlux.

Wieħed ma jridx jinsa wkoll li Giovanni Scaffidi bla ebda eżitazzjoni ta' xejn għaraf lill-imputat bħala wieħed mit-tlett persuni li aggredewh u serquh dakinhar tat-2 ta' Mejju 2023.

Fiċ-ċirkostanzi għalhekk, ossia fid-dawl tal-verżjonijiet konfliġġenti li ta l-imputat, fid-dawl ta' dak li rriżulta mill-filmati esebiti mill-Ispettur Zammit u analizzati mill-Espert Tekniku John Sacco u fid-dawl tal-fatt li Scaffidi għaraf lill-imputat bħala involut fl-aggressjoni u serqa a dannu tiegħu, il-Qorti hija moralment konvinta li l-imputat kien effettivament involut fl-aggressjoni u konsegwenti serqa a dannu ta' l-imsemmi Giovanni Scaffidi.

Fattur ieħor li jagħti kredibilità lil dak affermat minn Giovanni Scaffidi, ossia li ġie aggredit u misruq, huma l-ġrieħi li huwa ppreżenta ruħu bihom ġewwa ċ-Ċentru tas-Saħħa tal-Furjana. It-Tabib li invistah dakinhar tat-2 ta' Mejju 2023, irriskontra diversi ġrieħi fuq Scaffidi , ossia *perioral bruise, petechiae … xi bruises fuq in-naħa tal-lemin ta' għonqu. … xi grif f'idejh kif ukoll fil-polz kemm tax-xellug u kemm tal-lemin u … uġiegħ fuq il-pala ta' l-id tan-naħa tal-lemin, … Kien hemm ukoll grif kemm fuq il-lemin kif ukoll fuq ix-xellug ta' l-irkoppa u anke tal-qasba tas-sieq*, u huwa kklasifika dawn il-ġrieħi bħala ta' natura ħafifa salv kumplikazzjonijiet.

Apparte l-fatt li fil-fehma tal-Qorti l-Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova lil hinn minn kull dubju raġonevoli li l-imputat, flimkien ma' żewġ persuni oħra, kien involut fl-aggressjoni u konsegwenti serqa a dannu ta' Giovanni Scaffidi, u għaldaqstant ippruvat il-ħtija tiegħu għar-reat ta' serq ikkwalifikat bil-vjolenza ai termini ta' l-Artikolu 262(1)(a)(b),(2) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti hija tal-fehma wkoll li l-Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova lil hinn minn kull dubju raġonevoli li l-imputat huwa ħati wkoll tar-reat ta' serq mhux biss kwalifikat bil-vjolenza iżda kkwalifikat ukoll bil-valur li ma jeċċedix is-somma ta' €2,329.37.

Giovanni Scaffidi ddikjara li dakinhar tat-2 ta' Mejju 2023 insterqulu €1,000 fi flus, mobile phone tal-valur ta' €369.00, Dok. "GS' a fol. 51 sa' 55 tal-proċess, u anke dokumenti Taljani. L-Artikolu 267 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi li r-reat ta' serq huwa kwalifikat bil-valur *meta l-ħaġa misruqa tkun tiswa aktar minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94)*. Tħares minn fejn tħares lejn il-każ odjern, huwa evidenti li din il-kwalifika għar-reat ta' serq tissussisti wkoll.

Fid-dawl ta' dan kollu għalhekk, l-imputat għandu jinstab ħati ta' l-ewwel imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu.

Fid-dawl tal-provi prodotti però l-Qorti ma hijiex affattu moralment konvinta li l-imputat huwa ħati tar-reat ta' arrest, detenzjoni jew sekwestru kontra l-Liġi aggravat, ai termini ta 'l-Artikoli 86 u 87(1)(ċ)(e) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta 'Malta.

Fir-rigward ta' dan ir-reat, issir rreferenza għal dak osservat minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza fl-ismijiet **"Il-Pulizija v. Christopher Zammit"** pronunċjata fl-1 ta' Diċembru 2022, *sabiex jissussisti r-reat tas-sekwestru tal-persuna huwa biżżejjed illi tirriżulta xi waħda miċ-ċirkostanzi ravviżati fl-Artikolu 86 u cioè l-arrest, jew iż-żamma jew is-sekwestru tal-persuna kontra l-volonta tagħha, u dan*

*mingħajr ordni skont il-liġi tal-awtorità kompetenti. Il-Professur Mamo fin-Noti tiegħu jgħid hekk dwar l-element materjali tar-reat in diżamina:- "... the words arrest" "detention" and confinement" are not synonymous: each indicates a special manner in which an attempt can be made on personal liberty: Il reato preveduto nell articolo 169 (our Section 86) esiste sia quando alcuno si fermi nel mentre che agisce o cammina; sia quando si faccia rimanere suo malgrado in quel luogo ove si trova; si quando finalmente si trasporti da un luogo ad un' altro." (ROBERTI – ibid, para 323) ... Thus a person may be arrested without being incarcerated or confined in any place; or may be detained in his own house without having been previously arrested." Il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza reċenti tagħha fl-ismijiet Il-Pulizija v. Josmar Pace, qalet hekk in propositu ta dan id-delitt:- Fi kliem l-awturi Smith & Hogan l-arrest jissusisti by words alone if one submits. [vide Il-Pulizija v Albert Cassar deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar s-sittax ta' Novembru 1990.] Maino fil-ktieb tiegħu Commento al Codice Penale jikkummenta fuq l-artikolu 146 li huwa bħall-artikolu 86 tagħna a fol 112 para. 788; Vol II billi jgħid: Il sequestrato richiede che la privazione della liberta sia assoluta e avvenga in circostanze tali da togliere alla vittma ogni possibilita di scampo o di soccorso" Antolisei fil-ktieb tiegħu Manuale di Diritto Penale jgħid: Le fattispecie del delitto in parola si realizza anche se la privazione della liberta non è totale ma occorre che al paziente sia reso del tutto impossibile ogni via di scampo. È necessario per altro che la perdita della liberta si protragga per un periodo di tempo di un certo rilievo."*

Minn imkien mill-provi prodotti, lanqas mix-xhieda ta' Giovanni Scaffidi, ma jirriżulta li huwa ġie b'xi mod miżmum kontra l-volontà tiegħu kif intiż mill-Liġi għall-fini ta' dan ir-reat. Li rriżulta huwa li Scaffidi ġie aggredit mill-imputat u oħrajn u fil-kors ta' l-aggressjoni ġie misruq.

Għaldaqstant il-Qorti tqis li ma għandhiex issib lill-imputat ħati tat-tielet imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu.

**Ir-raba' u l-ħames imputazzjoni dedotti fil-konfront ta' l-imputat** - bir-raba' u ħames imputazzjoni dedotti fil-konfront tiegħu, l-imputat qed jiġi mixli: (4) talli għamel reat ieħor waqt li kien qiegħed taħt perijodu operattiv ta' sentenza sospiża li ngħatat lilu nhar l-10 ta' Marzu 2023, mill-Maġistrat Ian Farrugia LL.D.; u (5) talli sar reċidiv.

Għall-finijiet ta' dawn l-imputazzjonijiet il-Prosekuzzjoni esebiet sentenza fl-ismijiet "Il-Pulizija v. Faisal Arab Mohammed" pronunċjata minn din il-Qorti diversament presjeduta fil-11 ta' Marzu 2021 - Dok. "SCT1" a fol. 31 sa' 35 tal-proċess - u sentenza fl-ismijiet "Il-Pulizija v. Faisal Arab Mohammed" pronunċjata minn din il-Qorti diversament presjeduta fl-10 ta' Marzu 2023 - Dok. "ZX" a fol. 60 sa' 63 tal-proċess.

Fis-sentenza fl-ismijiet "Il-Pulizija v. Faisal Arab Mohammed" pronunċjata minn din il-Qorti diversament presjeduta fil-11 ta' Marzu 2021, Dok. "SCT1" a fol. 31 sa' 35 tal-proċess, id-dettalji ta' l-imputat huma l-istess dettalji ta' l-imputat f'dawn il-proċeduri u għaldaqstant jsegwi li dik is-sentenza ġiet fil-fatt pronunċjata fil-konfront ta' l-imputat odjern. Għalkemm fl-imsemmija sentenza l-imputat qed jiġi identifikat bin-Numru tal-Pulizija 18N-049, mill-Asylum's Seekers Document esebit bħala Dok. "ZZ8" a fol. 19 tal-proċess, jirriżulta li dan in-Numru huwa ta' Faisal Arab Mohammed bir-Refcom No. 25268, ossia l-imputat odjern.

B'din is-sentenza l-imputat instab ħati tar-reati dedotti fil-konfront tiegħu f'dawk il-proċeduri u ġie kkundannat għall-perijodu ta' erba' (4) xhur priġunerija effettiva. L-imsemmija sentenza, hekk kif xehdet l-Assistent Reġistratur Qrati u Tribunali Kriminali Stefania Calafato Testa[29], ma ġietx appellata, u meta jiġu kkunsidrati l-Artikoli 49 u 50 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta jirriżulta li l-imputat huwa fil-fatt reċidiv, hekk kif ġie mixli mill-Prosekuzzjoni bil-ħames imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu.

Fis-sentenza fl-ismijiet "Il-Pulizija v. Faisal Arab Mohammed" pronunċjata minn din il-Qorti diversament presjeduta fl-10 ta' Marzu 2023, Dok. "ZX" a fol. 60 sa' 63 tal-proċess, id-dettalji ta' l-imputat huwa l-istess dettalji ta' l-imputat f'dawn il-proċeduri u għaldaqstant isegwi li l-imsemmija sentenza ngħatat fil-konfront tiegħu. B'dik is-sentenza l-imputat instab ħati ta' l-imputazzjonijiet kollha hemm dedotti fil-konfront tiegħu u ġie kkundannat għall-perijodu ta' tmintax-il (18) xahar priġunerija sopsiżi għall-perijodu ta' tlett (3) snin mid-data tas-sentenza. Din is-sentenza, hekk kif jirriżulta mix-xhieda ta' l-Assistent Reġistratur Qrati u Tribunali Kriminali Marica Mifsud[30], ma ġietx appellata. Ladarba r-reati li tagħhom l-imputat qed jinstab ħati f'dawn il-proċeduri seħħew fit-2 ta' Mejju 2023, isegwi li l-imputat wettaq dawn ir-reati ta' natura volontarja fil-perijodu operattiv ta' sentenza sospiża. Għaldaqstant, l-imputat għandu jinstab ħati tar-raba' imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu.

**Piena:**

Għall-finijiet ta' piena l-Qorti ħadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li tagħhom l-imputat qed jinstab ħati kif ukoll il-fatt li l-imputat mhux biss ma wera l-ebda rimors għal dak li għamel iżda addirittura wettaq reati ta' natura volontarja f'inqas minn xahrejn minn meta kien ngħata sentenza ta' priġunerija sospiża. Ħadet in konsiderazzjoni wkoll li t-tieni imputazzjoni dedotta fil-konfront ta' l-imputat tiġi assorbita fl-ewwel imputazzjoni dedotta kontrih.

**Decide:**

Għaldaqstant, filwaqt li l-Qorti mhux qed issib lill-imputat ħati tat-tielet imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu u tilliberah minnha, wara li rat u kkunsidrat l-Artikoli 17(h), 20, 49, 50, 214, 215, 221(1), 261(a)(ċ), 262(1)(a)(b)(2), 267, 274(ċ), 277(a), 279(a) u 280(2) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qed issib lill-imputat ħati ta' l-ewwel, it-tieni u l-ħames imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu u tikkundannah għall-perijodu ta' tlett (3) snin priġunerija effettiva.

Wara li rat u kkunsidrat l-Artikolu 28B(1) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qed issib lill-imputat ħati tar-raba' imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu u tordna li t-terminu ta' tmintax-il (18) xahar priġunerija impost fuqu bis-sentenza fl-ismijiet "Il-Pulizija v. Faisal Arab Mohammed" pronunċjata minn din il-Qorti diversament presjeduta fl-10 ta' Marzu 2023, jibda sseħħ u għaldaqstant l-imputat għandu jiskonta wkoll tali terminu ta' tmintax-il (18) xahar priġunerija effettiva.

Mit-termini ta' priġunerija hawn imposti fuq l-imputat, għandu jitnaqqas iż-żmien li huwa għamel taħt arrest preventiv in konnessjoni ma' dan il-każ.

[29] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tas-16 ta' Mejju 2023, fol. 30 tal-proċess.
[30] Xhieda mogħtija waqt is-seduta ta' l-1 ta' Ġunju 2023, fol. 64 tal-proċess.

Ai termini ta' l-Artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tikkundanna lill-imputat iħallas is-somma ta' €1,662.43[31], rappreżentanti spejjeż inkorsi għan-nomina ta' l-Espert Tekniku John Sacco.

**MAĠISTRAT**

**DEPUTAT REĠISTRATUR**

[31] Fol. 73 tal-proċess.